



0065/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar uġiġħ kroniku mhux mill-kanċer fin-nies li għandhom 'il fuq minn
65 sena

Giovanni La Via (PPE), Elisabetta Gardini (PPE), Françoise Grossetête (PPE), Gianni Pittella (S&D), Cristian-Silviu Buşoi (PPE), Alessandra Mussolini (PPE), Ian Duncan (ECR), Francisc Gambús (PPE), Santiago Fisas Ayxelà (PPE), Remo Sernagiotto (ECR), Mercedes Bresso (S&D), Pavel Poc (S&D)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-uġigħ kroniku mhux mill-kanċer fin-nies li għandhom 'il fuq minn 65 sena¹

1. Ewropew minn kull ħamsa jbati minn uġigħ kroniku mhux mill-kanċer. Wieħed minn kull erbgħa huwa affettwat minn uġigħ kroniku qawwi, speċjalment fost in-nies 'il fuq minn 65 sena.
2. L-ispejjeż totali diretti u indiretti tal-kura tas-saħħa għall-problemi ta' wġigħ kroniku fl-Istati Membri jvarjaw minn 2 % sa 2.9 % tal-PGD, b'medja tal-UE ta' 2.4 % u spiża ta' EUR 271 biljun fis-sena.
3. L-impatt tat-trattament ta' wġigħ kroniku fuq is-sistemi tas-saħħa u ekonomiċi tal-Istati Membri jinkludi telf kbir ta' ġranet tax-xogħol u spejjeż oġġla tat-trattamenti.
4. L-aċċess għat-trattamenti, il-kontinwità u l-kwalità ta' kura, l-innovazzjoni u, fuq kollox, l-ekwità għal pazjenti anzjani b'uġigħ kroniku għadhom sal-lum mhux garantiti.
5. Il-Kummissjoni hija għaldaqstant mitluba:
 - tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' netwerk ta' ċentri ta' eċċellenza li kapaċi jiżguraw ħila kompetenti u aċċess għal kura adegwata, tnaqqis fl-ispejjeż soċjoekonomiċi u jipprovdu taħriġ adegwat fil-livell universitarju dwar is-suġġett ta' wġigħ kroniku bil-ħsieb li jitwessa' n-netwerk ta' kompetenzi;
 - twettaq attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u tiżviluppa pjanijiet ta' orjentazzjoni għall-pazjenti fir-rigward ta' wġigħ kroniku mhux mill-kanċer, bl-involvement attiv ta' spiżeriji.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.